MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2007

Numru. 347/2004

**Il-Pulizija**
**vs**
**Massimiliano Maurizio**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Massimiliano Maurizio ta’ 39 sena iben Giovanni u Luigia nee Delli Colli mwieled fit-28 ta’ Novembru 1964 fl-Italja u residenti 30, Triq Zimelli Hamrun, ID11464(A).

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fil-lejl ta’ bejn is-27 u 28 ta’ April 2004 f’xi hin bejn nofs il-lejl u 4.00am fi Triq Dobbie, San Giljan u/jew fil-vicinanzi:

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, meta ttanta jikkommetti serq ta’ stereo tal-karozzi tal-marka Pioneer minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni ICE 438 tal-

marka Peugeot 306 ghad-dannu ta’ Mary Louise Bugeja, liema serq kieku sehh kien ikun aggravat bil-mezz, valur, hin u xorta tal-haga misruqa, liema delitt ma kienx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, u dan bi ksur ta’ Artikoli 41, 261, 263, 267, 270, 271 ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe vettura bin-numru tar-registrazzjoni ICE 438 tal-marka Peugeot 306, liema hsara tiskorri il-LM50 izda mhux iktar minn LM500 u dang had-dannu ta’ Mary Louise Bugeja, u dan kollu bi ksur ta’ Artikolu 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Ikkommetta serq ta’ remote control tal-marka MAX minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni MUC079 tal-marka VW Polo ghad-dannu ta’ Marouska Camilleri, liema serq ma jiskorrix il-LM100, liema serq huwa aggravat bil-mezz u hin u xorta tal-haga misruqa, u dan bi ksur ta’ Artikoli 261, 263, 270, 271 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe vettura bin-numru tar-registrazzjoni MUC 079 tal-marka VW Polo, liema hsara tiskorri il-LM50 izda mhux iktar minn LM500 u dan ghad-dannu ta’ Marouska Camilleri, u dan kollu bi ksur ta’ Artikolu 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Akkuzat ukoll talli fil-lejl ta’ bejn is-27 u 28 ta’ April 2004 f’xi hin bejn nofs il-lejl u l-hamsa ta’ filghodu gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta’ San Giljan:

5. Volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor u diversi ghamara fl-ghassa tal-Pulizija ta’ San Giljan, liema hsara tiskorri il-LM50 izda mhux iktar minn LM500 u dan ghad-dannu tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-Gvern ta’ Malta u dan kollu bi ksur ta’ Artikolu 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

6. Ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ PS 69 J Cremona, PC 1244 N Sant, PC 463 J Farrugia, PC 773 R Tonna, WPC 183 C Zammit, PC 112 O Vella,

PC 1011 H Mula inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur ta' Artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra PS 69 J Cremona, PC 1244 N Sant, PC 463 J Farrugia, PC 773 R Tonna, WPC 183 C Zammit, PC 112 O Vella, PC 1011 H Mula, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti u dan bi ksur ta' Artikoli 96 u 97 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Bil-qerq holoq jew gieghel li jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat u kif ukoll iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar u dan bi ksur ta' Artikolu 110 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. Bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' xi hadd, weggha bil-kliem, b'gesti jew b'mod iehor lil PS 69 J Cremona, PC1244 N Sant, PC 463 J Farrugia, PC 773 R Tonna, WPC 183 C Zammit, PC112 O Vella, PC 1011 H Mula, u dan bi ksur ta' Atikolu 252 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

10. Bil-lejl kiser il-mistrieh bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor u dan bi ksur ta' Artikolu 338(m) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

11. Volontarjament kiser il-buon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur ta' Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

12. Ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' PS 69 J Cremona, PC1244 N Sant, PC 463 J Farrugia, PC 773 R Tonna, WPC 183 C Zammit, PC112 O Vella, PC1011 H Mula, persuni inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom jew b'mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi jew b'xi mod iehor, u dan bi ksur ta' Artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

13. Akkuzat talli rrenda ruhu ricediv b'diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat l-atti kollha tal-process inkluz il-fedina penali ta' l-imputat li tibda minn fol 8 u tispicca fol 11, ic-certifikat ta' Dr. Mario Scerri a fol 26, ic-certifikat ta' Dr. Adrian Vassallo a fol 27 u c-certifikat rilaxxjat dwar Ryan Tonna mill-Health Centre, Dr. C Apap no 2538 a fol 28, ic-certifikat mahrug minn Dr. Borg, registration number 1757 a fol 39, l-istima tal-hsarat li tidher a fol 31 u l-istima li tidher bhala Dok MB a fol 42 u l-invoices illi qeghdin jidhru a fol 43 u 44, id-dokument JC a fol 46 li huwa l-okkorrenza, l-istatement maghmul minn Massimiliano Maurizio nhar it-28 ta' April 2004 fl-ghassa tal-pulizija ta' San Giljan li tinsab a fol 22 sa 24, il-kunsens ta' l-Avukat Generali li jinsab a fol 25, sett ritratti prezentati a fol 86, is-sentenza fl-ismijiet, 'Spettur Paul Camilleri vs Massimiliano Maurizio' a fol 101 sa 105, is-sentenza 'Pulizija Spettur Pierre Micallef Grimaud vs Massimiliano Maurizio', fol 106 sa 111, is-sentenza 'Supretendent Nicholas Ciappara vs Massimiliano Maurizio' tat-18 ta' Mejju 2001, fol 112 et, is-sentenza 'Pulizija vs Massimiliano Maurizio' fol 114 et, is-sentenza 'Pulizija Spettur J Cilia vs Massimiliano Maurizio', fol 115et, is-sentenza mill-Magistrat Dr. Giovanni Grixti tat-28 ta' Marzu 2003, 'Pulizija Spettur David Saliba vs Massimiliano Maurizio'.

Il-fatti fil-qosor kif rakkontati mill-ispettur Martin Sammut huma dawn:

L-ispettur Martin Sammut kien mgharraf xil-5.00am minn PS 69 Jesmond Cremona li dan ta' l-ahhar kien qed izomm lil Maurizio Massimiliano taht arrest. Dan kien gie arrestat fuq suspett ta' serq minn xi karozzi fi Triq Dobbie San Giljan. Kien mehud l-ghassa fejn beda jirrezisti l-arrest u sahansitra ma riedx jidhol fil-lock up tal-pulizija li hemm fl-ghassa ta' San Giljan. It-telefon kien inqata' minhabba li Maurizio Massimiliano qabad jiggieled mal-pulizija u anke tkissret hgiega ta' l-ghassa u l-bank ta' l-injam li jissepara lill-pubbliku min naha ta' gewwa l-ghassa. Ghal xit-7.45am l-ispettur kien nizel l-ghassa u hemm sab lil Maurizio Massimiliano li kien kalm wara l-bank u minn investigazzjonijiet li ghamel dan l-istess spettur, wara li kien kellem lis-surgent u lill-kuntistabblijiet, is-surgent kien qal li tard matul il-lejl kienet dahlet telefonata anonima fejn persuna kien informa lill-pulizija li osserva ragel liebes ilbies skur go karozza fi Triq Dobbie San Giljan. Fi Triq Dragonara, in-naha tal-Bamboo bar, kienet intlemhet persuna li taqbel mad-deskrizzjoni li kien ta dan ir-ragel li baqa' anonimu u din kienet taqbel ma' dik ta' l-imputat. L-imputat kien qed igorr backpack fuq dahru izda ma nstab xejn f'dan il-backpack. Xorta wahda huwa dak il-hin gie arrestat u mdahhal fil-karozza tal-pulizija u mehud fuq il-post fi Triq Dobbie San Giljan. Is-surgent kkonfrontah u ghamel xi investigazzjonijiet fit-triq. Hemm hekk kien nnota li kien hemm zewg karozzi li kellhom il-quarter window imkissra. L-imputat nnega li kellu x'jaqsam. Is-surgent kien qal li kien hemm persuna li b'mod kunfidenzjali kienet gharrfet lil PS 69 li l-persuna li kien qed izomm dak il-hin kienet l-istess persuna li kienet intlemhet go wahda mill-karozzi.

Kif waslu fl-ghassa, PC1244 u s-surgent indunaw li fuq is-seat ta' wara tal-karozza, precizament fejn kien qieghed Maurizio Massimiliano kienu sabu turnavit u key chain. Dawn ma kinux fil-karozza. Meta kien mistoqsi Maurizio Massimiliano minn fejn kien gab dawn l-affarijiet, dak il-hin qisu infixel u beda jkun vjolenti u beda jargumenta mal-pulizija sakemm sar l-incident imsemmi qabel. Huwa

kisser il-hgiega tat-tieqa b'rasu u kompla jkisser il-bank ta' l-ghassa. Meta kellmu l-ispettur, Maurizio Massimiliano nnega kollox. Huwa kien allega li kien imsawwat mill-pulizija. Fil-fatt l-imputat kien wera jdejh fejn kellu l-polz ahmar. Dehret ukoll ferita fuq rasu, ezattament fin-nofs. Rigward il-ferita, huwa kien ammetta li kien ta daqqa ta' ras fuq il-hgiega ta' l-ghassa. L-ispettur offrielu assistenza medika u hu xtaq jara tabib u ttiehed il-poliklinika tal-Gzira sabiex ikun invistat. It-tabib kien rrilaxxja certifikat mediku. Kienu kkuntattjati wkoll is-sidien tal-karozzi. Wahda kienet nnutata bil-quarter window imkissra, registration number MUC 071 tal-marka Volkswagen Polo li kienet tghajjat lil certa Maruska Camilleri. Il-karozza l-ohra, ICE 438 kienet tghajjat lil Marie Louise Bugeja tal-marka Peugeot. Dawn intalbu jmorru d-depot tal-pulizija biex jaraw jekk jinstabux xi fingerprints u intalbu wkoll li jgibu stima tal-hsarat. Iktar tard filghodu u cioe kmieni wara nofsinhar l-ispettur kien rega' kellem lil Maurizio Massimiliano wara s-solitu twissija u hawn hekk kien rrilaxxja stqarrija. Huwa kien ghazel li ma jiffirmax. Eventwalment kienu imsejjhin iz-zewg sidien tal-karozza, Marie Louise Bugeja u Marouska Camilleri u din ta' l-ahhar kienet gharfet li r-remote control kien taghha. Kienet gharfet li l-key chain li kienet instabet fil-karozza tal-pulizija kienet taghha. L-ispettur Martin Sammut kien kompla jixhed u qal li wiehed mill-kuntistabbli kien sefa ferut waqt li ppruvaw idahhlu lill-imputat fic-cella.

<u>L-istqarrija ta' l-imputat</u>

L-imputat qal li kien qed jaghmel passiggata gewwa Paceville u qed jistenna tal-linja biex imur lura. Kien gie Paceville bil-mixi ghal xil-11.30pm. Huwa kien xorob xi tnejn birra u x'hin kien hdejn il-Pizzo niezel lejn il-Bamboo bar kienu marru l-pulizija. Dawn talbuh il-basket u ma sabu xejn hlief il-beritta. Dahhluh gol-karozza u gabuh l-ghassa. Qabel kienu haduh go triq u s-surgent wrieh karozza li kellha l-quarter window imkissra u staqsieh jekk kienx hu li kissirha. L-imputat qal li ma kienx hu u lanqas kien ghadda minn hemm. Imbaghad raqad gol-karozza. Meta dahlu l-ghassa huwa staqsa ghala kien gie arrestat. Huwa beda jirrabja u beda jipprova jholl il-manetti. Huwa

ma riedx jidhol fic-cella ghax hu qal li ma kien ghamel xejn. Huwa rrezista lill-pulizija ghax hass li ma kellux jidhol goc-cella u qal ukoll li tnejn mill-pulizija bdew jaghtuh. Imbaghad giet karozza tal-mobile. Mistoqsi l-bank ta' l-ghassa min kissru, huwa wiegeb li l-pulizija. Mistoqsi min minn dawn il-pulizija hu qal ma nafx. Il-hgiega tat-tieqa qal li kien kissirha b'rasu u kien ghamel hekk biex ma jaqlax xebgha. Dan kien trick li tghallmu mill-Italja. Huwa ammetta li xi hin pprova jholl il-manetti. Kien muri turnavit ahmar u key chain li fiha xi buttuni tal-marka MAX u hu nnega li kienu tieghu u qal li qatt ma kien rahom qabel. Huwa cahad li pprova jisraq xi karozzi. Huwa beda jirrezisti lill-pulizija ghaliex hu ma kien ghamel xejn u kien ser jigi arrestat. Dwar il-bank ta' l-ghassa, huwa qal li kissruh il-pulizija meta pruvaw jghadduh minn hemm. Hu qal li tnejn mill-pulizija bdew jaqilghu l-injam. Huwa nnega li kien habbat rasu mal-hajt. Huwa qal li kien habbatha fuq il-bank biss. Il-qasma li kellu fuq rasu kien ghamilha mal-hgiega. Innega li kien ta xi daqqiet lill-pulizija, anzi kienu huma li taw lilu.

<u>Xhieda ohra</u>

Mic-certifikat rilaxxjat minn Dr. Mario Scerri dwar PC1011 jidher PC1011 Hermann Mula sofra griehi ta' natura hafifa. Dwar PC 463, Dr. Adrian Vassallo qal ukoll li kien hemm griehi ta' natura hafifa. Dwar Ryan Tonna, hemm certifikat li jghid li kien mar FHC ghal investigazzjonijiet wara dan l-incident waqt illi dwar l-imputat nnifsu, jidher li kien hemm hmura fuq il-wrists u dawn kienu certitifikati ta' natura hafifa skond Dr. Borg. PC413 Chircop qal illi l-istima tal-hsarat li sar fil-counter ta' St. Julians Police Station kienet ta' LM100. L-istima tal-hsara tal-quarter window tidher li hija bil-VAT b'kollox Lm11.38. Stimi moghtija minn Michael Attard Ltd jidhru li l-hsara fuq il-Peugeot 306 ICE 438 tammonta ghal LM15.93.

Xehdet Maruska Camilleri li kellha Polo blu, MUC 079, a fol 32 li kienet pparkjata Dobbie Street Paceville. Kellha t-tieqa, quarter window tal-karozza imkissra u kienu cemplulha ghal xi l-4.00am. Hija sabet nieqsa remote control ta' l-alarm li kien kannella. Meta kienet murija

dokument MS9, qalet 'dak huwa ir-remote ta' l-alarm tal-karozza tieghi.' Ghall-mistoqsijiet tal-Qorti baqghet tinsisti li iva kien taghha u li kien jiswa LM35. Dwar il-hsara fil-vettura, din kienet tammonta ghal LM11.38. Kienu wahhluhielha b'xejn. Mistoqsija jekk kinitx taf lill-imputat qalet li le.

Imbaghad fis-6 ta' Mejju 2004, a fol 37 xehdet Louise Bugeja li kellha Peugoet 306 silver, registration number ICE 438. Hija sabet hsara. L-istima kienet ta' Michael Attard Limited u hawn kien hawn, tad-dash board tiswa LM5 plus VAT u tal-quarter window LM8 plus VAT. Il-labour huwa LM15.93 ohra. B'kollox madwar LM30. Dak il-hin lill-imputat ma kinitx tafu pero' minn wiccu kienet tafu ghax dejjem jigri mas-saqajn, (fol 40). Dak il-zmien kienet tahdem 'Al Kafe' mal-lejl u kien ikun hemm hekk.

Xehed ukoll PS 69 Jesmond Cremona illi qal li kellhom telefonata anonima dwar persuna go karozza li kien qieghed ibaghbas maghha f'Dobbie Street go San Giljan Paceville, (fol 50). Huma marru fuq il-post izda hemm hekk lil dan ir-ragel ma sabuhx ghalkemm sabu zewg vetturi li kellhom il-quarter window imkissra. Meta dahlu Dragonara Road jaraw persuna tixbah l-ispjegazzjoni li kien ta' l-informer. U waqqfu lill-imputat. Huwa kellu beritta u haduhielu minn idejh u hawn argumenta mal-pulizija. Huma hadu lill-imputat hdejn il-karozzi illi kellhom l-hgieg imkissra. Wara li dahhlu lill-imputat fil-karozza, l-informer qal illi l-persuna li kien qieghed fil-karozza, kien l-istess wiehed li qed ibaghbas fiz-zewg karozzi. Huma nizzlu lill-imputat fl-Ghassa ta' San Giljan u persuna pulizija kien gharraf lil dan ix-xhud li ra lill-imputat idahhal idejh gol-but tieghu u jpoggi xi haga taht is-seat fejn kien bil-qeghda hu, jigifieri l-imputat. Saret is-search u sabu t-turnavit tal-manku ahmar. Is-search saret fejn l-ghassa barra u din saret fil-karozza tal-pulizija.

Gewwa, dan ix-xhud wera t-turnavit u r-remote control ta' l-alarm tal-vettura lill-imputat. Malli wriehomlu, l-imputat inbidel totalment, filli kien qed jikkollabora u filli beda jichad immedjatament u kien aggressiv mal-kuntistabbli u beda jheddidhom personalment. Huwa gera lejn il-hajt

jhabbat rasu mal-bank u mhux darba. Bdew jippruvaw iwaqqfuh izda ma riedx. Meta ra li kollu ghalxejn, telaq jigri u ghadda rasu minn gol-hgiega tat-tieqa ta' l-ghassa. Hemm hekk dahhluh fil-lock up. Izda anke hawn hekk, qabel ma dahhluh kien aggressiv u qabad mal-bank u beda jara x'ser jaqbad b'idejh peress li kien mmanettjat fuq quddiem u kellhom juzaw il-forza necessarja biex dahhluh gol-lock up. Muri l-oggetti li ghalihom saret referenza, ix-xhud qal li dawn kienu instabu fejn kien bil-qeghda l-imputat fil-karozza tal-pulizija.

PC1244 kkonferma li kienet saret telefonata lill-ghassa tal-pulizija ghal xil-3.50am u fil-fatt huma kienu marru fuq il-post gewwa Dobbie Street San Giljan u sabu z-zewg vetturi bil-left quarter windows imkissrin. Il-persuna li kienet indikata lilhom, kienet persuna liebes l-iswed b'beritta sewda li kien mexa fid-direzzjoni ta' Dragonara Road. Ikkonferma wkoll li kienu sabuh gewwa Dragonara Road fejn il-Pizzo. L-informer li xtaq jibqa' anonimu, kkonferma li kien dak ir-ragel li kien ghamel it-telefonata fuqu. Fil-karozza l-imputat beda jsabbat rasu man-notice board, mal-bank ta' l-ghassa u kisser rasu gol-hgiega. Lil PC463 tah daqqa ta' sieq u beda jkun agressiv. Qabad mal-bank u ma riedx li jidhol gewwa c-cella. Kollhom jghajjtu vettura tal-mobile biex jassistuhom. Ix-xhud kkonferma li kienu sabu central locking remote control u xi turnavit fil-karozza tal-pulizija fejn kien bil-qeghda l-imputat.

Mix-xhieda ta' PC 733 Ryan Tonna jirrizulta l-fatti li diga' ssemmew qabel. Lil dan ix-xhud, a fol 62 beda jheddu meta dahhlu fil-karozza li haduh Dobbie Street sabiex l-imputat seta' jara l-karozzi bil-quarter windows imkissrin. Hwa kien heddu li darba jsibu minghajr l-uniformi ser ipattihielu u beda jghajjru. Fuq mistoqsija tal-Qorti, dan ix-xhud wiegeb li fl-ebda hin ma refa' jdejh fuq l-imputat u meta regghet staqsietu l-Qorti, huwa qal li kien cert minn dan. Dan ix-xhud wkoll ra lill-imputat jilghab mal-but u johrog xi affarijiet. Fittex gol-karozza u sabu remote control u ttella' tornavit bil-manku ahmar. Huwa gharaf dawn l-oggetti fl-awla. Fl-ghassa huwa habbat rasu mal-bank u man-notice board. Ix-xhud kien mar il-poliklinka

tal-Floriana ghaliex l-imputat kien qabdu mil-glekk u minn halqu peress li kellu wiccu kollu demm u tar xi demm ta' l-imputat gewwa wiccu.  Lil dan rega heddu a fol 65 bi kliem' inhassrek u insibek barra, naqlalek kustilja u naghtihielek wahda wahda f'idejk' u affarijiet bhal dawn.

PC1011 Hermann Mula qal li huwa kien sofra xi griehi minghand l-imputat u fil-fatt intwera c-certifikat li huwa kkonferma.  Kien hemm hafna kliem offensiv fid-direzzjoni lejn il-pulizija. Beda jghidilhom inpattihielkom u joffendiehom bil-familja.

PC112 stazzjonat mobile squad qal li kienu intalbu l-ghajnuna minhabba l-inkwiet li kien inqala' l-ghassa ta' San Giljan.  Dan qal li kien hemm  hafna pulizija li ppruvaw idahhlu lill-imputat fic-cella.  Huwa beda jirrezisti biex ma jidholx.  U fl-ahhar dahhluh.  Meta marru kienu sabu l-ghassa maqluba, il-bank maqlub u imkisser u maqlugh minn post u karti fl-art.  Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx ra min kien qed jaghmel il-konfuzjoni, ix-xhud wiegeb li le ghaliex sakemm mar hu fuq il-post kienu ghaddew xi 4 sa 5 minuti.

Xehdet ukoll WPC183 Sylvia Zammit li semmiet it-telefonata li kienet dahlet bid-deskrizzjoni tar-ragel illi kien qieghed jisraq minn xi karozzi.  Meta gabu lill-imputat fl-ghassa, dan qam, beda jghajjat u jwerzaq u jhabbat rasu fejn kienet din ix-xhud u imbaghad qam minn bil-qeghda, dar lejn il-board u beda jhabbat rasu fiha. Flok beda jikkalma, kellhom il-bank u ha rankatura u ta daqqa ta' ras mal-bank.  Dahal ukoll b'rasu gol-hgieg.  Huwa pruvaw jikkalmawh izda hu beda jimbuttahom mal-hajt.  Imbaghad qabad il-bank u gibdu kollu.  Malli ra lil tal-mobile squad, iktar beda jaghmel forza fuq il-pulizija.  L-imputat beda jghid li hu ma ghamel xejn, tmissunix, tmissunix. Beda jhedded lill-pulizija.  Lil din ix-xhud ma heddiddhiex.

L-ispettur Martin Sammut riprodott esebixxa 9 riratti li juru l-hsarat li saru gewwa l-ghassa ta' San Giljan fil-lejl ta' bejn is-27 u 28 ta' April 2004.

PC 473 Martin Gatt xehed illi fid-29 ta' April 2004 kien qieghed skorta ma l-imputat fl-awla tal-Qorti u kif kienu fil-lock up isfel, Maurizio Massimiliano ra wiehed mill-pulizija li kellu ghaddej mieghu, PC773 Ryan Tonna u beda jghajjru u jheddu. U beda jghidlu issa sibni mhux meta tkunu hafna.

PC 463 Jonathan Farrugia kkonferma li l-persuna suspettata ma kinitx qeghda fuq il-post pero' harget persuna minn go tieqa u qaltilhom li kienet liebsa certu hwejjeg. Huma sabu lil Maurizio Massimiliano miexi b'haversack fuq dahru u d-deskrizzjoni kienet taqbel ma' dak li kien ghadu kemm qalilhom din il-persuna. Dan kkonferma li l-imputat beda jhebb ghalihom, filwaqt li beda jghajjat 'jiena mignun, nehhuli l-manetti.' Beda jigbed il-manetti b'kemm kellu sahha tant li mmarka idejh. Habbat rasu mal-bank ta' l-ghassa u sahansitra b'daqqa minnhom resaq lura u ha girja wahda u baqa diehel go hgiega.

Xehed ukoll Dr. Mario Scerri a fol 124 u 125 u qal illi l-lezjonijiet li sab kienu kompatibbli ma scratch marks u kienu kompatibbli ma' rezistenti ta' arrest pero' ma kienx hemm resistenza esagerata jew xi lezjonijiet ta' natura gravi. Fil-fatt, anke fil-konkluzjonijiet a fol 145 u 146 huwa qal, point 6., dawn il-lezjonijiet huma komuni f'kazijiet ta' rezistenza ta' arrest u li huma kollha lezjonijiet ta' natura hafifa.

Xehed ukoll Marco Agius li qal illi din hija quarter window ta' karozza u hija mixtrija minghand Continental Cars.

Xehed ukoll Dr. Ronnie Borg dwar kopja tac-certifikat li kien ezamina lil Maurizio Massimiliano u dan kien sablu nefha lura fuq iz-zewg polzijiet. Hu kien mar il-poliklinika biex jezaminah. Fil-fatt lanqas lill-imputat ma gharaf gewwa l-awla.

Xehed ukoll Kenneth Psaila, spare parts manager ta' Michael Attard Limited. Dan jahdem ma l-istores tal-kumpanija Michael Attard li jimpurtaw il-karozzi Peugeot. Huwa qal li dak li deher fid-dokument LB bhala prezzijiet huma tajbin u huma ta' quarter window u parti minn

dashboard tal-karozza mudell Peugeot 306. L-istima kien tahielhom fuq u imbaghad harguha mill-ufficini pero' ghall-prezzijiet kien responsabbli hu.

Xehed ukoll PC94 Jack Farrugia. Dan kien qal li fit-28 ta' April 2004 kienu cemplulu biex jigbed xi ritratti go l-ghassa ta' San Giljan tal-hsarat u dawn ir-ritratti kien qed jgharafhom hawn hekk.

Fit-3 ta' Mejju 2006 xehed l-imputat Massimiliano Maurizio illi qal li dak inhar kien mar Paceville u baqa' jdur u xorob xi birra, waqt li kien qed idur Paceville jistenna l-karozza tal-linja biex imur lejn id-dar. Meta wasal hdejn il-Bamboo Bar, il-pulizija gew fuqu. Huma waqfu mill-ewwel, nizel wiehed mill-pulizija mill-karozza u l-imputat staqsieh x'kien gara u dan qabad u tefaghlu l-manetti. L-imputat baqa' jistaqsi ghala kien gie arrestat u dawn bdew jghidulu mhux affarik. Il-pulzija li kien hemm beda jaghtih bi rkuptejh go saqajh biex inizzluh ma l-art u imbaghad tela gol-karozza. Waslu l-ghassa San Giljan u baqa' jistaqsi ghala kien gie arrestat. Hemm hekk kien fl-intrata u kien hemm il-bank fejn joqoghdu l-pulizija u huma tefghuh wara l-bank tal-pulizija. L-imputat beda jghid li l-pulizija qed jabbuzaw mill-poter taghhom. L-imputat qal li volontarjament kien ta daqqa ta' ras lill-hgiega tat-tieqa u kissirha biex ma jaghtuhx xi xebgha, fol 172. Il-pulizija bdew johorguh minn wara l-bank u kienu tnejn mill-pulizija fl-ghassa ta' San Giljan li kissru l-bank. L-imputat qal li beda jirresisti li jehduh fic-cella. Huwa ammetta li l-hgiega kissirha hu. L-imputat qal li l-bank kien sewwa u qal li kissruh zewg pulizija mill-ghassa ta' San Giljan. Hu nnega li kien hu li kissru. L-imputat qal li kif wassluh sal-polyclinic anke l-pulizija marru jaghmlu certifikati 'kumbinazzjoni'. Fil-kontro ezami kien mistoqsi, skond l-imputat f'liema hin tkisser il-bank u x'kien il-hin li kissruh il-pulizija u l-imputat qal li kien filghodu kmieni. Il-prosekuzzjoni staqsiet 'Ma tafx fi x'hin hux?' U hu qal 'Kien wara is-2.00am zgur.' Huwa rega' kkonferma li kien kisser il-hgiega b'rasu fl-ghassa u ddeskriva fejn ezatt, fit-tieqa z-zghira li hemm kif titla' go l-ghassa (fol 177). Huwa qal li ma kien rrilaxxja ebda stqarrija lill-pulizija. Huwa kien qal li kien xorob xi

birra quddiem il-Wembley u kien qed jistenna l-karozza tal-linja.

Meta staqsieh il-prosekutur ‘tiftakar li jiena kont hadtlek stqarrija?’ Ix-xhud qallu ‘inti lanqas kont hemm spettur. Inti gejt il-gurnata ta’ wara.’ Imbaghad il-prosekutur kien qallu ‘Tiftakar li kont kellimtek filghodu?’ Ix-xhud qal ‘Filghodu kmieni kien, spettur’ U qallu li kieku ma ghamilx dik il-buzullotta, kont released diga. Hawn hekk l-imputat a fol 178 qal li dan il-kliem kien sar mill-ispettur. Wara li rega’ staqsieh, ‘tiftakar li kont hadtlek stqarrija jien?’ U x-xhud qallu ‘tkellimna iva.’ ‘Tiftakar li dak li ghidt kien tnizzel bil-miktub?(fol 178)’ ‘Iva’. Staqsieh l-ispettur ‘Tiftakar x’kont ghidt inti?’ U wiegbu ‘Iva.’ U dwar l-arrest qallu jiena sirt naf minghandek ghaliex hadd mill-pulizija ma kien qallu ghaliex. U hawn hekk inqratlu l-istqarrija illi kien ta. L-imputat qal dan l-istess diskors li xehed issa jiena jigifieri ma nbidel xejn wara sentejn. U hu staqsieh x’kulur kien il-bank ta’ l-ghassa u qallu ‘iswed il-bicca ta’ fuq’. U l-bicca ta’ isfel ma kienx jaf. Imbaghad gie muri s-sett ritratti. Hawn hekk wrieh XY1 u l-imputat qal ‘nahseb li dawk huma l-bicciet tal-bank.’ Imbaghad rega kkonferma li dawn bicciet tal-bank. Gharaf ukoll il-hgieg tat-tieqa li kien kisser huwa u dak mmarkat XY2. L-imputat qal li kif jarawh Siciljan il-pulizija mill-ewwel jaqbu u jarrestawh.

Mistoqsi mill-prosekuzzjoni ‘Inti l-karozza rajtha jew le?’ Ix-xhud qal, ‘Le ma rajthiex.’ Il-prosekuzzjoni rega staqsieh, ‘Allura ghaliex inti fl-istqarrija meta kont staqsejtek kont ghidt li kienu wrewk xi karozza?’ Ix-xhud qal ‘Ma nafx x’karozzi kienu.’ (fol 185). Hawn hekk il-prosekuzzjoni qalet lill-imputat li kienet qratlu l-istqarrija u kkonfermaha u issa qed jghid affarijiet li ma jaqblux ma’ l-istqarrija. Hawn hekk l-imputat baqa’ jghid li dak inhar ma kienx hu, ma ghamel xejn, ma prova jisraq xejn u jikkonferma dan kollu llum. L-imputat baqa’ jghid li ma kellu xejn fuq il-persuna tieghu u ma kienx jaf bit-turnavit u r-remote control.

<u>Trattazzjoni Prosekuzzjoni</u>

Il-Prosekuzzjoni fit-trattazzjoni qalet li l-pulizija kienu osservaw karozzi bil-hgieg imkisser. Tassew li qatt ma kien osservat direttament l-imputat jiftah jew ikisser dawn il-karozzi ghax xhieda okulari ma hemmx imma nstabu ir-remote control u t-turnavit propja fejn kien hemm l-imputat fil-karozza tal-pulizija.  Wiehed mix-xhieda, PC773 sahansitra rah ibaghbas fil-but waqt illi l-imputat kien fil-karozza.

Dak kien dwar is-serq. Dwar dak li gara fl-ghassa, il-prosekuzzjoni qalet illi l-imputat rrezista l-arrest u assolutament mhux vera li kien imsawwat mill-pulizija. Din lanqas biss fuq prova tal-probabilta ma rnexxielu jaghmel l-imputat.  Kien hu li ta daqqa ta' ras fuq il-hgieg u skond il-kazistika, il-Pulizija vs Pace tal-5 ta' Ottubru 1999, min qed jallega irid jaghmel il-prova.

Dwar ir-ricediva ma hemm assolutament l-ebda dubbju dwar dan.  Il-prosekuzzjoni rreferiet ukoll ghall-'Pulizija vs Emanuel  Seisun et' tas-26 ta' Gunju 1998 fejn kien hemm referenza ghal unlawful possession of recently stolen articles, kif dawn jistghu jitfghu dawl fuq dak li jkun seraq.

Dwar il-piena, il-prosekuzzjoni rreferiet ghal decizjonijiet maghmula fil-'Pulizija vs Matthew Portelli O'Toole' tat-2 ta' Mejju 2006 u 'Repubblika ta' Malta vs Noel Mizzi' tal-15 ta' Dicembru 2005 fejn il-Qorti qalet li sitwazzjoni bhal din, wiehed ghandu juza l-piena karcerarja.

Trattazzjoni Difiza

Id-difiza ssottomettiet u dwar l-attentat ta' serq ma jirrizulta xejn. Sempliciment l-imputat inzerta 300 metru boghod imma dan ma jfissirx li hemm xi prova konkreta ta' tentattiv ta' serq.  Id-difiza qalet ukoll li l-affarijiet li instabu fil-karozza tal-pulizija u mhux fuq l-imputat. Ghaldaqstant dawn ma tistax tghid li l-imputat kien ghamel it-tkissir u s-serq.  Dwar l-incidenti fl-ghassa huwa qal li vera li hemm lista twila ta' akkuzi pero' dawn hafna minnhom jistghu jigu assorbiti ai terminu ta' l-artikolu 17h. Dwar il-fatt li l-imputat qed iwahhal fil-pulizija dwar is-swat, l-avukat

difensur qal illi l-imputat qatt ma mar jaghmel xi denunzja kontra l-pulizija.

Id-difiza ssottomettiet wkoll li s-serq ma giex ppruvat beyond reasonable doubt.

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

Il-Qorti ser tistrieh fuq il-provi miġjuba u mhux fuq dak li qal l-informer lill-Pulizija li qatt ma kien prodott bħala xhud minħabba x-xewqa tiegħu li jibqa' anonimu. U qed tagħmel dan minkejja li l-informer kien ikkonferma mal-Pulizija li l-persuna li kienet fil-karozza maħghom kienet il-persuna li l-informer kien ra jwettaq ir-reati addebitati lill-imputat.

Il-Pulizija wettqet dmirha skond il-Liġi meta aġixxiet fuq l-informazzjoni li waslitilha dwar is-serqiet fil-karozzi u sabet lill-imputat li kien jixbaħ id-deskrizzjoni tal-persuna li kienet waslet lill-Pulizija.

L-ewwel Imputazzjoni

Dwar it-tentattiv ta' serq, il-Qorti kkonsidrat li l-Pulizija sabu lill-imputat fl-inħawi ta' fejn kienu tkissir l-quarter windows tal-karozzi u f'waħda minnhom instabu xi affarijiet neqsin. Għat-tentattiv ta' reat jinħtieġ li jkun hemm att ta' esekuzzjoni u dan l-att kien hemm għax kien hemm it-tkissir tal-quarter window li kien jixbaħ it-tkissir li sar fil-karozza l-oħra. Biss dan l-att esekutorju jrid jintrabat ma' l-imputat. Fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li hemm xebħ kif sar l-isgass fuq karozza oħra li ma kenitx 'il bogħod kif ukoll li l-imputat instab fil-viċinanzi mhux bil-fors li wieħed jista' jghid li ghandu evidenza bizzejjed li kien l-imputat li wettaq dan it-tentattiv. Ix-xhieda ta' l-informer mhix titqies bhala ammissibbli ghaliex dan qatt kien prodott bil-ġurament u għalhekk dak li qal hu jitqies bħala hearsay evidence. Għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni.

It-Tieni Imputazzjoni

Konsegwentement, għall-istess raġunijiet mogħtija fil-paragrafu preċedenti, il-Qorti mhix issib lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni, jiġifieri dik dwar il-ħsara fuq il-vettura ICE 438 tal-marka Peugeot 306 għad-dannu ta' Mary Louise Bugeja minħabba nuqqas ta' provi.

It-Tielet Imputazzjoni u R-Raba' Imputazzjoni – Serq mill-vettura MUC 079 u l-ħsara fuq l-istess karozza.

Dwar is-serq mill-karozza VW Polo blu MUC 079 li kienet ipparkjata f'Dobbie Street, il-Qorti qed tiddeċiedi li din hija ippruvata u li kien l-imputat li wetaq din is-serqa. Dan jirriżulta mill-fatt li Maruska Camilleri nnifsiha għarfet r-remote control ta' l-alarm bħala dak tal-karozza tagħha u li dan kien jiswa Lm35 waqt li l-ħsara kienet tammonta għal Lm11.38. Kienet għarfet ukoll li l-keychain li kienet instabet fil-karozza tal-Pulizija kienet tagħha wkoll. Mix-xhieda ta' PC 733 Ryan Tonna jirriżulta li kien ra lill-imputat jilgħab mal-but u joħroġ xi affarijiet. Kien fittex ġol-karozza u sab remote control u tornavit bil-manku aħmar propju fuq is-sit ta' fejn kien l-imputat. Dawn l-affarijiet ma kinux fil-karozza tal-Pulizija qabel u kien meta ntwera dawn l-affarijiet li, fi kliem ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, l-imputat sar aggressiv.

Il-Prosekuzzjoni rreferiet għas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tas-26 t'Awwissu 1998 fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Emanuel Seisun u Pius sive Pio Micallef' (Vol.LXXXII Part iv paġina 322 et) fejn il-Qorti kienet qalet:

'There appears to have been widespread misunderstanding of the so-called doctrine of recent possession. The 'rule' (for it is no more than the application of common sense) is, it is submitted, that where it is proved that premises have been entered and property stolen therefrom and that very soon after the entry the defendant was found in possession of the property, it is open to the jury to convict him of burglary, and the jury should be so directed: see R versus Loughlin 35 Cr.App. R.69; R versus Seymour 38 Cr App R 68. This of course applies equally to thefts other than in the

course of a burglary, whether a pickpocketing or an armed robbery.

In R versus Smythe 72 Cr App R.8.C.A. the court adopted the following passage from 'Cross on Evidence': 'If someone is found in possession of goods soon after they have been missed and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen. The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling………'

Mill-provi jirriżulta li s-serqa kienet seħħet ftit minuti qabel u s-serq sar minn post fil-viċin. Ma hemm ebda raġuni għala l-Qorti għandha taħseb li din instabet kumbinazzjoni fil-karozza tal-Pulizija propju fil-post fejn kien bil-qegħda l-imputat. Għaldaqstant, il-Qorti ssib lill-imputat ħati tat-tielet imputazzjoni miġjuba konrih kif ukoll tar-raba' imputazzjoni b'dan pero' li fir-raba' imputazzjoni l-ħsara magħmula mill-imputat tammonta għal Lm11.38 biss u mhux kif jingħad fl-imputazzjoni. Olre dan, il-Qorti qed tpplika l-artikolu 17(h) bir-raba' imputazzjoni kompriża fit-tielet.

Il-Ħames Imputazzjoni - Ħsarat fl-Għassa ta' San Ġiljan

Dwar il-ħsarat fl-Għassa tal-Pulizija, il-Qorti qed tikkonsidra li l-imputat innifsu ammetta li kien kisser il-ħġieġa iżda baqa' jinsisti li ma kienx kisser l-affarijiet l-oħra. Fil-fatt l-imputat allega li ċertu tkissir sar mill-Pulizija. Il-Qorti ma taqbilx ma' din il-verżjoni li ta l-imputat dwar it-tkissir ta' l-affarijiet l-oħra barra l-ħġieġa. Jinsab ampjament ippruvat mid-diversi xhieda mtellgħin mill-Prosekuzzjoni li l-imputat irreżista kemm felaħ lill-Pulizija u mhux biss kisser il-ħġieġa b'rasu kif ammetta huwa stess iżda li għamel il-ħsarat kollha indikati fl-imputazzjonijiet. Stima tal-ħsara li saret fil-counter ta' l-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan tammonta għal madwar mitt lira Maltija

(Lm100). Għaldaqstant il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tal-ħames imputazzjoni kif redatta.

Is-Sitt u S-Seba' Imputazzjoni (Artikoli 95, 96 u 97 tal-Kap 9)
(Inġurja, Theddid u Offiżi fuq Pulizija; Reżistenza bi vjolenza)

Minn eżami akkurat tal-provi, jirriżulta li sar theddid lill-PC 773 Ryan Tonna fol 62. 63, 65, 88 (għax dan kien mhedded darbtejn), lill-PC 463 Jonathan Farruiga (fol.92) u lill-PC 1011 Herman Mula (fol.72) iżda mhux lill-WPC Sylvia Zammit u lill-PC 112 Oliver Vella. Jirriżulta wkoll li l-imputat weġġa' lill-PC 1011 Hermann Mula u lill-PC Ryan Tonna (fol.28 dok MS 5) u ta daqqa ta' sieq lill-PC 463. Il-persuni msemmija huma kollha Pulizija u l-imputat kien jaf li qed jagħmlu dik il-funzjoni. 1Il-Pulizija huma persuni li huma per eċċellenza meqjusa bħala persuni inkarigati b'servizz pubbliku tant li kemm il-Qorti tal-Ġustizzja ta' Luxembourg kif ukoll il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem dejjem qisu l-kariga ta' Pulizija bħala differenti minn dik ta' impjegati oħrajn. (ara fost l-oħrajn Pellegrini versus France ECHR 1999). M'hemmx dubju li l-Pulzija jaqgħu taħt id-definizzjoni mogħtija fl-artikolu 92 tal-Kap 9. Skond kif jikkummenta l-Professur Sir Anthony Mamo 'The victim in this offence can be any person charged with a lawful duty.' (page 47 Part II: Notes on Criminal Law) Għaldaqstant il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tas-seba' imputazzjoni dedotta kontrih ai termini ta' l-artikolu 95(1) tal-Kap 9.

Dwar is-seba' imputazzjoni l-Professur Sir Anthony Mamo jikkummenta hekk:

(a) It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of the lawful orders of the competent authorities that the cause of attack or resistance with which we are now dealing can arise. The purpose of the agent in this crime must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of

[1] Ara; Notes on Criminal Law: Sir Anthony Mamo. Part II paġni 47 u 48.

the law or of the lawful orders of the competent authorities.

Omissis

(b) The second element of this crime is the resistance must be directed against any person charged with a public duty

0missis

(c) The resistance should take place in the act of execution of them of the law or of a lawful order.

Fid-9 ta' Settembru 2002, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) fil-każ 'Il-Pulizija versus Joseph Zahra' ddistingwiet bejn persuna li qed tiċċekkja l-biljetti u persuna li qed taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' xi ordni mogħti skond il-Liġi minn awtorita' kompetenti. Il-Qorti ddeċidiet li persuna li qed tiċċekkja l-biljetti ma tkunx 'qed taġixxi għall-esekuzzjoni tal-Liġi jew ta' xi ordni moghti skond il-Liġi.' Din l-espressjoni hi differenti minn dik użata fl-artikolu 95(1) – 'waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz.' Il-Qorti kompliet tikkummenta li minkejja li l-persuna attakkata kienetqed twettaq servizz pubbliku, dik il-Qorti ma setatx tara kif dan kien qed jesegwixxi l-liġi jew ordni mogħti skond il-liġi minn xi awtorita' kompetenti.'

Fil-każ odjern il-Qorti qed tikkonsidra li (a) l-imputat ostakola lill-Pulizija fix-xogħol tagħha l-Pulizija kienu qed jesegwixxu l-Liġi għaliex ir-reżistenza hija ampliament ippruvat. L-imputat mhux biss hedded u għamel ġrieħi ħfief fuq ċerti persuni tal-Pulizija iżda wkoll spiċċa kien vjolenti sew meta kisser il-ħġieġa u għamel ħasar fil-bank ta' l-għassa.

Li (b) Il-Pulizija kienet qed taqdi funzjoni pubblika kif diġa' kien deskritt fil-paragrafi preċedenti.

Li (c) Ir-reżistenza saret fil-qadi tad-dmirijiet pubbliċi tagħhom għaliex

(i) huma kellhom suspett raġonevoli li l-imputat kien wettaq xi serq u

(ii) skond il-Liġi huma għandhom il-poter li jarrestaw lil kull persuna meta għandhom suspett li din wettqet reat.

Għalhekk il-Qorti qed tistabilixxi li l-Prosekuzzjoni pppruvat it-tliet elementi ta' l-artikolu 96.

Il-Prosekuzzjoni kkwotat ukoll l-artikolu 97 tal-Kap 9. Il-Qorti rat ukoll id-definizzjoni ta' 'arms proper' fl-artikolu 64 tal-Kap 9 u ma jidhirliex li ntużat xi arma wkoll fis-sens wiesa' ta' arma mogħtija mill-artikolu 64.

Għaldaqstant il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tas-seba' imputazzjoni b'dan pero' li waqt li issb li l-imputat kiser l-artikolu 96 huwa ma kisirx l-artikolu 97. Il-Qorti qed tapplika l-artikoli 17(b) kif ukoll l-artikolu 17(h) b'dan ta' l-aħħar għaliex is-seba' imputazzjoni fiha kompriża u involuta is-sitt u l-ħames imputazzjoni. Huma kopriżi u involuti wkoll l-imputazzjonijiet 10, 11 u 12.

It-Tmien Imputazzjoni –Ksur ta' l-artikolu 110

Kif tajjeb issottomettiet id-difiża, billi l-imputat għamel check up għand it-tabib, ma jfissirx li dan għamel xi denunzja lill-Pulizija Esekuttiva. Effettivament, m'hemmx provi fil-proċess li ghamel tali denunzja. Għaldaqstant, il-Qorti qed tillibera lill-imputat mit-tmien imputazzjoni.

Id-disa' Imputazzjoni – Malafama

Fil-fehma tal-Qorti ma jidhirx li mill-provi miġjuba mill-Prosekuzzjoni hemm l-elementi rikjesti mill-artikolu 252 tal-Kap 9 u għalhekk il-Qorti qed tillibera mill-imputat mid-disa' imputazzjoni.

L-Għaxra, il-Ħdax u t-Tnax-il Imputazzjoni

Dawn huma kollha kontravenzjonijiet. Filwaqt li l-Qorti ssib li hemm provi bizżejjed għal kull waħda minn dawn l-imputazzjonijiet u qed issib lill-imputat ħati tagħhom, dawn għandhom jitqiesu bħala assorbiti ai termini ta' l-artikolu 17(h) tal-Kap 9 fis-sitt u fis-seba' imputazzjoni.

It-Tlettax-il Imputazzjoni - Ir-Reċidiva

Dwar ir-reċidiva, il-Qorti kkunsidrat il-verbal magħmul mill-imputat fit-30 ta'Ġunju 2004 (fol.100) fejn huwa ssottometta li s-sentenza mogħtija mill-Maġistrat Grixti tat-28 t'Awwissu 2003 kienet mibdula mill-Imħallef President tal-Qorti Dr.Vincent de Gaetano. Din is-sentenza m'hemmx referenza għaliha fil-fedina penali li hija up to date sat-28 t'April, 2004. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti qed tiddeċiedi li din is-sentenza ma tistax titqies bħala prova għar-reċidiva.

Iżda r-reċidiva hija abbundantament ippruvata bis-sentenzi mogħtija li ħafna minnhom ingħataw fil-parametri ta' ħames snin rikjest mill-artikolu 50 tal-Kap 9. Għalhekk din il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjoni dwar ir-reċidiva.
Konklużjoni

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 31(1)(b) (xii) (xi),(viii) (vii), 41(1)(a), 261(b)(ċ)(f)(g), 263, 267, 270, 271(g), 325(1)(b),95,96, 97, 110, 252, 338(m), 338(dd), 338(ee),49 u 50 tal-Kap 9, issib lill-imputat ħati tat-tielet, ir-raba', il-ħames, is-sitta, is-seba' (iżda mhux taħt l-artikolu 97), l-għaxra, l-ħdax, it-tnax u tlettax-il imputazzjoni u qed tilliberah mill-ewwel, mit-tieni, mit-tmien, u mid-disa' imputazzjoni.

Bħala piena, il-Qorti qed tapplika wkoll l-artikolu 17(b) u 17(h) tal-Kap 9 u wara li qed rat ukoll l-artikolu 278 (3) qed tikkundanna lill-imputat għal sentejn (2) priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------